# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 12 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 805/00**

**Numru 36**

**Raymond u Carmen konjugi Briffa**

**vs**

**Gaetano u Evelyn konjugi Briffa**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsin liri Maltin (Lm650) rappresentanti arretrati ta' kera tal-fond ossija garage ittra "B", 15 Triq il-Kunzar, L-Imsida, liema garaxx kien mikri lilll-konvenuti u liema arretrati ta' kera ghadhom ma thallsux, bl-imghax legali u bl-ispejjes kollha inkuzi tal-mandat ta' sekwestru prezentat mal-avviz, kollox kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fl-31 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-

Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm650.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Gunju 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat tal-sekwestru kawtelatorju tal-20 ta' Gunju 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg